# L-ARK TRIJONFALI FIL-FESTI TITULARI RABTIN:
## L-AKBAR KAPOLAVUR MINN FOST IX-XOGĦOL TA' L-IMGĦALLEM FRANĊESCO SPITERI.

MINN MARK FENECH VELLA

Fl-antik kienet użanza popolari li fil-festi titulari tal-parroċċi jintramaw arki trijonfali. Kienu ukoll jintramaw arki żgħar bħal dak li jintrama fejn il-kuleġġ (li qiegħed fejn il-pjazza, in-naħa tal-planċier) u dak li jintrama għal-festi fil-bidu ta' Strada Vittoria. F'referenza antika ta' arki trijonfali fir-Rabat insibu kontijiet ta' l-1821 biex jinxtegħlu l-lampi biż-żejt ("lampi di cristallo"). (1). Din it-tradizzjoni ta' arki trijonfali insibuha illustrata tajjeb wkoll fid-deskrizzjoni tal-Festa ta' Corpus Domini fil-knisja Parrokkjali ta' San Pawl tar-Rabat fl-Osservatore Maltese fl-1844. (2).

Fuq din id-deskrizzjoni tagħna hjiel is-Sur Winston Zammit B.A. (Hons) M.A. fil-ħarġa tal-ktieb "Il-Festi Tagħna" tal-1987 (pġ. 23). Minn din is-silta nistgħu nikkonkludu li (a) t-tradizzjoni ta' l-arki kienet qawwija, (b) kien hemm bosta arkijiet oħrajn qabel dan ta' 'llum u (c) li min ddisinja u minn ħadem l-ark kienu nies pawlini li probabbilment t-tfal tagħhom F. Catania u F. Spiteri ddisinjaw u ħadmu ħafna xogħlijiet sbieħ fosthom l-ark trijonfali ta' llum.

Fejn il-Knisja ta' San Katald kien jintrama ark kbir li ma nafux x'sar minnu. Ark ieħor kien jintrama fit-tarf ta' triq il-Vittorja.



*Disinn għall-kaxxerizzi għas-sagristija tal-Kolleġġjata. (Ħajr Familja Spiteri)*

### L-ARK TRIJONFALI TA' LLUM.

L-Ark Trijonfali li għandna llum ġie maħdum minn Franċesco Spiteri. Ma nafux eżatt min iddisinja l-ark, biss jew iddisinjaħ hu jew inkella is-Sur Antonio Catania (jiġi missier in-nutar Franċesco Catania benefattur kbir tal-Kolleġġjata tagħna). Dan skond il-firem fuq disinji ta' l-ark.

Dan il-famuż ark trijonfali fih 83 biċċa u huwa "free standing" - li jintrama kullimkien - l-uniku ark mit-tnejn li għadhom jintramaw li huwa "free standing". Infatti dan l-ark trijonfali intrama diversi drabi oħra barra l-post
tas-soltu tal-festi titulari tagħna mingħajr bżonn ta' ħitan. Huwa mponenti u x'ħin tarah iffakkrek fl-arkati trijonfali ta' Ruma. Dawna kienu jinbnew mill-imperaturi biex ifakkru xi rebħa kbira. Bl-ark trijonfali missirijietna kienu riedu jfissru l-kobor tal-festi ta' Corpus. L-Ark iservi bħala daħla fil-post ċentrali u l-aktar importanti, fis-sens tagħna - l-pjazza u l-knisja kolleġġjata tagħna. L-Ark għandu żewġ stemmi taħt ir-raġġiera li juru l-ħaruf u l-pelikan - żewġ simboli ta' l-ewkaristija. Dawn huma skulturati fl-injam minn Kalċidon u Pawlu Buġeja - żewġ skulturi li bħal Anton Catania ħadmu id f'id ma' dan l-imgħallem Franċesco Spiteri.

L-Ark huwa ta' stil Joniku. F'disinn li wrewni n-neputijiet ta' Spiteri jidher ċar li saru xi alterazzjonijiet fil-pedestall ta' l-anġli li hemm madwar ir-raġġiera. L-ark inħadem għal ħabta ta' l-1871. Dan skond noti li hemm fl-arkivji tal-fratellanza tas-Sagrament. Sewa madwar 72. Kopja tal-kont ma' setgħetx tinsab, għalkemm sa' sentejn ilu din ġiet misjuba. Kif qaluli xi uħud ix-xogħol ta' l-ark inħadem fil-foss tal-knisja ta' S. Pawl - ħaġa komuni peress li dak iż-żmien hemmhekk kien iservi ta' maħżen ta' l-armar tal-festi.

### L-ARK ARMAT GĦAL OKKAŻŻJONIJIET SPEĊJALI.

L-Ark Trijonfali tagħna barra li jintrama għal festi titulari, ntrama tlett darbiet oħra: meta fl-1944 fl-Ingress ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi intrama l-Imdina; meta ġiet ir-Reġina Eliżabetta II ta' l-Ingilterra fl-1954 u ntrama fi Triq Saura (fl-okkażżjoni ta' l-inkurunazzjoni tagħha hija kienet qegħda ddur il-pajjiżi tal-Commonwealth); u fl-1991 fl-okkażżjoni tal-Vista Pastorali tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Hawnhekk intrama s-soltu peress li l-Papa ġie speċjalment iżur is-Santwarju Nazzjonali Pawlin - il-grotta ta' S. Pawl ir-Rabat. Okkażżjoni sinonima

bħal din kienet il-vista li għamel il-Gran Mastru il-ġdid tal-Ordni Militari u Ospitalier ta' San Ġwann, Fra Andrew W. N. Bertie nhar Corpus Domini fl-1989 waqt li kien qiegħed jagħmel żjara statali f'Malta. F'dawn l-erba okkażżjonijiet storiċi u mportanti l-personaġġi għaddew min taħt l-ark b'sinjal tad-dinjita' tagħhom u b'sinjal ta' merħba u rispett mill-poplu Rabti.

Fl-ingress ta' l-Arċisqof Mikiel Gonzi fl-1944, fir-Ritratt naraw l-Arċisqof dieħel trijonfalment fuq id-debba. Il-Banda Konti Ruġġieru tidher bl-istandardi tagħha fuq in-naħa tax-xellug (quddiem il-Banca Giuratale). Jidhru l-istandardi tal-Papa, tar-Reliġjon, ta' l-Ingilterra u tal-Banda.

Biex noħroġ aktar l-istorja ta' dan l-ark li fuqu qed nikteb dan l-artiklu, ser nieħu kwotazzjoni mawl-ktieb ta' tifkira ta' l-okkażżjoni ta' l-Ingress ta' l--Arċisqof Mikiel Gonzi, biex nuri x'atmosfera ħoloq dan l-ark. F'paġni 21 u 22 ta' dan il-ktieb miktub mill Kan. Primiċerju Profs. Arthur Bonnici u maħruġ mill-Information Office (3), insibu li l-ewwel ngħata merħba kbira fuq is-Saqqajja u l-Arċisqof daħal l-Imdina wara li "ġie ssalutat bi sbatax-il tir, skond it-tradizzjoni qadima tal-pajjiż, sparati mill-artillerija Maltija", imbgħad daħal l-Imdina, l-Belt tal-Qedem. "Hawnhekk il-Banda Konti Ruġġieru laqgħet lill-Arċisqof bl-Innu tal-Papa. X'ħin l-Arċisqof wasal taħt l-ark trijonfali mħejji għal tapposta ħdejn il-"Banca Giuratale" (il-lum l-Iskola tal-Gvern) waqqaf id-debba u żgħażagħ seminaristi, il-Kjeriku Filippu Grech B.A. min fuq il-pulptu qralu l-indirizz li sejrin inġibu fil-qosor".



*Disinn għall-Konfessjonarji tal-Oratorju (Ħajr Familja Spiteri).*

Ovvjament peress li dan l-artiklu mhux intenzjonat fuq l-ingress u minħabba n-nuqqas ta' spazju ma' nistgħux inġibu d-diskors kollu tajjeb li almenu nġibu l-ewwel ftit sentenzi tiegħu peress li lilna jinteressawna qatigħ. Infatti l-kjeriku beda d-diskors ta' merħba tiegħu b'dawn il-kliem: "L-Ingress storiku ta' l-Arċisqof ifakkarni fid-daħħla trijonfali ta' Ġesu' f'Ġerusalem" Fir-ritratt miġjub f'dan l-artiklu l-kjeriku jidher fuq il-pulptu fuq in-naħa tal-lemin. Forsi mhux ta' b'xejn dan id-diskors ta' merħba kien intenzjonat għal waqt li l-Isqof ikun għaddej minn taħt l-ark tagħna biex jidħol fil-pjazza tal-Imdina biex imbgħad ikun jista jidħol jieħu l-pusess fil-katidral!! L-estetika sabiħa ta' l-ark mela, kellha effetti qawwija f'ċelebrazzjonijiet bħal dawn. L-iskrizzjonijiet li kellu fuqu jikkomplimentaw bis-sħiħ l-iskop ta' l-ark u l-okkażżjoni ta' l-Ingress, insibu dawn l-iskrizzjonijiet li ġew mqegħda ma' l-ark għall-okkażżjoni. Dawn kienu bil-latin u jaqraw hekk:

ACCEDE ALACRITER
PASTOR BONE
GREGEMONE AMPEXARE CREITVM

FILI OBSOVENTES
PATER BILECTE
TIBI GRATVLAMVR OVANTES

VERBA VITAE TRADE NOBIS
SACRORUM MAGISTER
ET LAETI PAREBIMVS TIBI

DIV INCOLVMISQVE VIVAS
PR AESVL VIGILANS
SEMPERQVE SIT TIBI DEVS PROPITIVS.

## ARMAR U RESTAWR TA' L-ARK TRIJONFALI.

Sa ftit żmien ilu dan l-ark kien jintrama bl-idejn u xogħolijiet ta' fuq l-arkata kienu jittellgħu bil-grabbja. Din il-grabbja kienet titqiegħed minn fuq il-bejt tad-dar li tinsab knatuniera ta' Triq San Pawl ma Triq il-Vittorja. Sal-lum wieħed għadu jista jara l-ħoloq tal-ħadid. Ġieli sofra xi ħsarat speċjalment meta intlaqat minn vetturi kbar u meta darba waqgħet l-perspettiva ta' taħt il-pedestall hekk kif kien qed jittella bil-grabbja. F'dan l-inċident kellhom xorti xi delettanti Pawlini li nzertaw taħtu meta dain waqgħet ftit metri biss minnhom. Madankollu għalkemm sofra ħafna aktar ħsarat simili huwa dejjem ġie miżmum fi stat tajjeb. Mill-1960 sarulu mat-tlett darbiet xogħol ta' manutenzjoni. Akkont tal-kura qabel l-1960 ma' stajniex insibu eżatt, għalkemm nafu li kien jiġi merfugħ fil-Kappella ta' Sant Agata. Hawn ġie merfugħ armat kif ikun fit-triq u b'hekk mhux talli ma tellifx iżda kom-

pla żejjen it-tempju. Insibu imma li fl-1960 inżeba kollu għall-okkażżjoni taċ-ċentenarju tan-nawfraġju mid-dilettanti taħt il-gwida ta' Charles Eastwood u Romeo Galea. Sarulu tiswijiet fl-1967 fl-okkażżjoni taċ-ċentenarju tal-Martirju ta' S. Pawl u fl-1972 fejn hawn barra manutenzjoni ġenerali, ssewwiet r-raġġiera u ġiet indurata. Il-ġbir sar minn Charles Eastwood (Ara "Il-Festi Tagħna" fl-1986 - 1988). L-aħħar restawr tiegħu sar fejn ġie nfurzat b'kisja fibre, sarlu l-armar tad-dawl ġdid u nżeba kollu mill-ġdid. Din id-darba sar bħas-soltu mid-dilettanti Pawlini taħt il-gwida tas-Sur Lawrence Buġeja. F'din l-okkażżjoni saret wkoll l-alterazzjoni billi ż-żewġ fondijiet ta' taħt il-gwarniċi ta' fuq żdiedilhom bastun biex mela il-ftit vojt li kien hemm.

L-Ark intrama dejjem fil-festi prinċipali (f'Corpus) u aktar tard f'dan is-seklu beda jintrama' ukoll għal festa titulari ta' S. Pawl. L-Ark ma ntramax biss bejn l-1961 u l-1966. Franċesco Spiteri ħadem ukoll l-ark tal-Furjana li xi nies jaħsbu li nqered fil-gwerra meta waqgħet biċċa mill-knisja li taħtha kien maħżun.

## MINN KIEN FRANĊESCO SPITERI?

Franċesco Spiteri twieled nhar it-3 ta' Marzu 1848 minn John Mary u Anna nee' Vassallo. Huwa tgħammed fil-knisja Proto-Parroċċa u kolleġġjata min Rev. V. Magri. (4). Skond informazzjoni li sibt, huwa kien imur jitgħallem is-sengħa ma' wieħed fin-Naxxar. Wara li tgħallem is-sengħa ta' mastrudaxxa sewwa, huwa fetaħ żewġt iħwienet fi Strada Santa Marija (faċċata eżatt ma' Strada San Antonio. (5). Aktar tard huwa żżewweġ lil Marianna Xuereb nhar il-15 ta' Lulju 1879. (6) u kellhom żewġt itfal subien. Ta' min isemmi ukoll li din Marianna Xuereb hija oħt il-kanonku (dak iż-żmien tal-Grotta ta. S. Pawl) - Rev. Pietru Pawl Xuereb u Mro. Franċesco Xuereb - Surmast direttur tal-banda Konti Ruġġieru bejn l-1878 u l-1902. Franċesco Spiteri miet nhar l-24 ta' Marzu 1913 fl-eta' ta' 65 sena.

Iżda l-imgħallem Franċesco Spiteri ma jixraqlux li nsellmulu bl-ark trijonfali biss. Dan għaliex għalkemm l-ark huwa l-aqwa xogħol tiegħu, huwa ħadem ħafna xogħolijiet oħrajn. Fost dawn insibu t-tużell tal-festi, l-planċier tal-banda, ż-żewġ troffejiet u xogħol ta' dekorazzjoni u manutenzjoni fil-knisja Parrokkjali tagħna, kemm fil-knisja ta' S. Pawl Nawfragu l-Belt Valletta u kemm f'posstijiet u knejjes oħra li sfortunatatment m'għandniex informazzjoni biżżejjed fuqhom. Ta' min jgħid ukoll li għall-festa ta' Sant' Agatha kien jintrama bid-damask. Dan dam isir sas-sena 1923 meta l-kappella ġirt mgħoddija lis-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl. Hawnhekk ser nagħti ħarsa ħafifa lejn dawna ix-xogħolijiet.



*L-Ark armat għall-Ingress tal-Arċisqof Gonzi l-Imdina fil-21 ta' Mejju 1944 (Ħajr F. Spiteri)*

## IT-TUŻELL TAL-KNISJA TAL-KOLLEĠĠJATA TA' S. PAWL.

Skond ħafna kritiċi ta' l-arti sagra, wieħed mill-isbaħ tużelli ta' pajjiżna hu bla dubju ta' xejn dak tal-knisja tagħna. Huwa wieħed mill-ewwel tużelli sbieħ tal-festi li bdew isiru dak iż-żmienijiet. Jixbħuh imma saru warajh insibu t-tużelli (tal-festa) taż-Żejtun, ta' Ħal-Balzan u tal-Furjana.

Id-disinn ta' dan it-tużell huwa ta' Mro. Anton Catania. Ix-xogħol ta' l-injam sar min Franċesco Spiteri. Sena wara ġie ndurat mill-imgħallem Ġann Busuttil. Ix-xogħolijiet fuq dan it-tużell ġdid tlesta xi snin wara l-approvazzjoni tal-kummissarju ta' l-arti Sagra tal-Kurja, Profs. Galizia, f'Novembru tal-1876. (7).

## IL-PLANĊIER TAL-KONTI RUĠĠIERU U Ż-ŻEWĠ TROFFEJ MAESTUŻI.

Il-planċier prinċipali li jkun armat fil-pjazza huwa ukoll xogħol ta' l-imgħallem Franċesco Spiteri fuq disinn ta' Mro. Anton Catania. Min xi notamenti fl-arkivju tal-Arċikonfraternita' tas-Sagrament insibu li l-palk kien kommissjonat għal ħabta



*L-Ark armat fis-sittinijiet. Tidher fuq ix-xellug l-assa tal-pulizijja qabel ma twaqqet.*
*(Ħajr Tony Terribile)*

ta' l-1860, iżda hemm il-probabilta li l-istatwa ta' dan il-palk saret wara l-1870.

Is-Sett Trofej il-Kbar kif inhuma magħrufa, ukoll huma maħduma minn Franċesco Spiteri (8). Probabli li d-disinn sar minn Anton Catania. L-Iskultura saret min Pawlu u Kalċidon Buġeja. Hawnhekk ta' min jinnota li dawn l-erba min-nies kienu bħal ħolqa ta' xogħol. Dawn jintramaw quddiem l-knisja u notamenti jgħidu li saru f'inqas minn tlett xhur. Tlestew min kollox għal ħabta tal-1900.

Dawn iż-żewġ trofej huma tant twal u kbar li kważi jlaħħqu sular. Bil-Bandalora b'kollox huma twal l-fuq minn żewġ sulari. Huma ta' stil barokk:- imponenti u b'ornati sbieħ ħafna. Iż-żewġt armi kbar tagħhom juru s-simboli ta' l-Ewkaristija, il-pelikan u l-ajkla ħierġa minn ġo ħuġġieġa.

## XOGĦOL FIL-KNISJA PROTO-PARROKKJALI U KOLLEĠĠJATA TAR-RABAT.

Fost ix-xogħolijiet l-aktar interessanti li nsibu tal-imgħallem Franċesco Spiteri nsibu li ħadem l-injam kollu tar-Relikwarju sabiħ li llum jinsab fil-mużew tal-Kolleġġjata. Dan ir-relikwarju għandu l-Kristu Kurċifiss fin-nofs (fil-faxxa ċentrali) u madwaru (madwar l-frame) insibu ħafna relikwi tal-qaddisin.

Insibu li għal dan l-imgħallem Spiteri l-"Faleniame', (kif inhu referut f'dawn il-kontijiet) tħallas 4.446 skudi (documento 13) u l-'scultore' - Calcedonio Buġeja 3.11. Id-disinn sar minn C. Tonna (li jiġi n-nannu tal-ex-arċipriet tar-Rabat Benny Tonna). Bejn l-1905 u l-1906 Franċesco Spiteri ħadem ukoll xogħol ta' żewġ arki fil-bibien tal-ġnub tal-kappella ta' S. Stiefnu. Dawn qamulu 1.53 skudi. Indurhom sieħbu l-induratur Rabti ukoll Ġużeppi Busuttil. L-induratur tħallas 1.39 skudi (9). Fost xogħolijiet oħrajn tal-imgħallem Spiteri insibu "Lavoro e spese dell baldacchino ed altro" li ħalsuh 12.16 10.6 skudi fl-1893 u "Lavori in legno" - 6 skudi. L-induratur ta' dan il-baldakkin (tużell) li naħsbu hu t-tużell ta' kuljum sar minn Gian Busuttil u li tħallas 22.23 8 skudi. Peress li f'disinji li tawni l-familjari tiegħu kien hemm żewġ konfessinarji tal-kappellini mpinġija u peress li fil-ktieb ta' 'tesito' ma jissemmewx ismijiet ħlief ta' dawn n-nies tas-sengħa u peress li anke jekk jissemmew xi nies m'humiex mastrudaxxi, allura s'issa nassumu li dawn ħadimhom Spiteri. Ritratt tagħhom juri dan. Dawn swew 36.00. Huwa sewwa l-oħrajn l-qodma bi spiża ta' 30.00 (9).

Ma jistax jonqos ukoll li huwa ħadem ħafna xogħol fi knejjes oħrajn. Ma għandniex xi ngħidu li bħal kull mastrudaxxa ieħor huwa ħadem hafna xogħol domestiku. Fost dawn insibu l-galleriji sbieħ u skulturati li hemm man-naħa tal-knisja ta' S. Bastjan, Triq Ġorġ Borġ Olivier (qabel imsemmija Via Buscetto) ir-Rabat.

Għalkemm l-imgħallem Spiteri ilu li m'għadux magħna, għadhom magħna x-xogħolijiet sbieħ tiegħu li barra milli huma opra ta' arti huma xhieda għal min irid ikun jaf aktar dwar imgħallmin li kienu ta' sengħa f'dawk iż-żminijiet. Ċertament opri bħal dawn ta' Spiteri huma patrimonju li għandu jiġi apprezzat mhux billi jinkitbu artiklu fuqhom ħalli l-ġenerazzjoni li tielgħa tkun mhux biss konxja tal-wirt kulturali Malti imma tipprova tgħożżu u tkompli tikkonservah.

## REFERENZI


1. Libro d'esito dell Arciconfraternita' SSmu Sagrament - Rabat Malta 1795-1846.
2. L'Osservatore Maltese 3-vii-1844 pġ 417 - Biblioteca Citta di Valletta.




*Il-ħsarat li ġarrab l-Ark meta ġie milqut minn vettura fl-1986 (Ritratt Perit J. Agius Bonello).*



*L-Istatwa tal-Konti Ruġġieru taħt l-Ark mixgħul waqt il-marċ tal-Ġimgħa tal-1981. (Ritratt C. Sammut).*


3. Il-Ktejjeb ta' tifkira minn Rev. Profs. Artur Bonniċi. Maħruġ mill-Information Office 1944/45.
4. Ċertifikat tat-twelid - Uffiċċju ta' l-Arċipriet tal-Katidral ta' l-Imdina.
5. Informazzjoni mogħtija mill-aħwa Spiteri ta' Triq Konti Ruġġieru r-Rabat. L-isketches f'dan l-artiklu huma propjeta' tagħhom ukoll.
6. Ċertifikat taż-żwieġ - Arċipriet tal-Katidral ta' l-Imdina.
7. Ara l-Sketch oriġinali tat-tużell ppreżentat lil-Kurja. L-approvazzjoni ġiet iffirmata minn Profs. Galizia. Dawn jinsabu kkonservati f'Wignacourt College Musem ir-Rabat.
8. Arkivji tal-Arċikonfraternita' tas-Sagrament.
9. Libro Conti Venerante Lampada della Chiesa 1881-1908 - Arkivji fil-Museum Wignacourt, il-Mużew tal-Kolleġġiata S. Pawl, Rabat.


RINGRAZZJAMENT: Lil dawk li għenuni biex noħroġ dan l-artiklu hekk interessanti. Grazzi speċjali jmorru lil-aħwa Spiteri li joqgħodu Triq Konti Ruġġieru r-Rabat talli tawni xi nformazzjoni ta' Franċesco Spiteri li jiġi nannuhom u xi disinji li kien ipinġi. Grazzi ukoll lil-Kan. Dun Ġwann Azzopardi li assistini meta kont qed nagħmel xogħol ta' riċerka fuq il-kontijiet tax-xogħolijiet ta' F. Spiteri fil-knisja Kolleġġjata ta' S. Pawl ir-Rabat.